A.L. 235 ta' l-2005

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Financial Intermediary* Awtorizzat (*Income* minn Investiment)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 41B u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Financial Intermediary* Awtorizzat (*Income* minn Investiment), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar *Financial Intermediary* Awtorizzat (*Income* minn Investiment), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 404 ta' l-2005.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2005.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mhux aktar tard mit-tletin ta' April" għandhom jidħlu l-kliem "mhux aktar tard mit-tletin ta' Ġunju".